MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2514/2003

**Waldonet Limited**

**vs**

**Pieter and Marthese konjugi Bregman Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta’ wiehed u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm71.50) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti ghas-servizz ta’ internet connectivity pprovdut mis-socjeta` attrici lill-konvenuti, kif jidher mill-invoice anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok.MG1;**
**Bl-ispejjez u interessi legali mis-26 ta’ Settembru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-26 ta' Jannar, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-ammont miftiehem bejn il-partijiet ghas-servizz relattiv u dan kif ukoll kkonfermat mill-invoices li kienu jintbaghtu mis-socjeta` attrici stess, jinsab debitament u pjenatament imhallsa.**
**Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Chris Calleja, Joseph Lanzon, Pieter Bregman Borg u Marthese Bregman Borg. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' konnessjoni tal-internet skond invoice esebit Dok.MG1. L-invoice huwa datat 3 ta' Ottubru, 2002.**
**2. Il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet dwar il-fatt li l-konvenut kien qed ihallas il-konnessjoni li kellu, a bazi ta' rata residenzjali. Huwa ben risaput li hemm differenza bejn r-rata residenzjali ghall-konnessjoni ta' l-internet u r-rata kummercjali. Is-servizz provdut kien adsl.**
**3. Jirrizulta minghajr dubbju li ma kienx l-konvenut direttament li nnegozja mas-socjeta` attrici, izda kienet il-kumpanija Bits & Bytes li kien qabbad biex tinstallalu l-internet.**
**4. Jirrizulta li f'kull hin l-imsemmi servizz ta' internet intuza fil-hanut tal-konvenut.**
**5. Skond Chris Calleja ghas-socjeta` attrici, kien il-klijent li nsista li s-servizz kien residenzjali, u kien ghalhekk li l-kontijiet hargu fuq dik il-bazi. L-istess xhud spjega li l-kont jinhareg mill-Maltacom u huma sussegwentement jibghatu il-kont lill-klijent. F'dan il-kaz, il-Maltacom indunat li kien post kummercjali u**

**ghalhekk tablet lis-socjeta` attrici d-differenza mitluba fl-avviz.**

**6. Jirrizulta li l-konvenut kien ilu jeffettwa pagamenti regolari a bazi tal-kont li ntbghatlu, u hu pprotesta mas-socjeta` attrici meta rcieva l-kont ghad-differenza. Jirrizulta li s-servizz kien inghata f'Ottubru, 2001 u intemm f'Ottubru, 2002.**

**7. Mill-email Dok.A datat 3 ta' Ottubru, 2002, jirrizulta li Datastream kienu gabu l-konferma minghand il-Maltacom dwar li l-linja kienet ghal fond kummercjali.**

**8. Skond l-applikazzjoni Dok.B maghmula minn Marthese Bregman Borg, il-linja kienet Business Fast Internet, u l-indikazzjoni kienet small office adsl.**

**9. Joseph Lanzon ghal Bits & Bytes xehed li kien spejga lil Marthese Bregman Borg id-differenza bejn residenzjali u kemmercjali. Skond l-istess xhud l-ghazla dwar kienx ser japplika ghall-linja residenzjali jew kummercjali ma saritx minnu izda mill-konvenuti.**

**10. Il-konvenut bazikament jikkonferma li hu kien qed juza l-linja ghall-fond kummercjali, u li meta bidel l-internet service provider tieghu huwa hallas ghal linja kummercjali.**

**11. Ma hemmx dubbju, fil-fehma tat-Tribunal li kien hemm xi malintiz fin-negozjati bejn il-konvenuti u s-socjeta` attrici. Jirrizulta li r-rata tad-Datastream hija wahda fissa, u tvarja skond il-linja li tintuza. Jirrizulta li s-socjeta` attrici hallset ghas-servizz fuq bazi ta' linja kummercjali, kif del resto kien.**

**12. Ikun hemm approprjazzjoni ndebita kemm il-darba kellu jigi deciz li l-konvenut m'ghandux ihallas ghad-differenza bejn ir-rata residenzjali u dik kummercjali, meta fil-fatt jirrizulta li kien qed juza l-linja ghall-servizz kummercjali.**

**13. It-Tribunal ikkunsidra wkoll li giet eccepita l-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16, cioe` il-preskrizzjoni bid-dekors ta' tmintax-il xahar. Tenut kont li s-servizz intemm fit-3 ta' Ottubru, 2002, u dan il-kaz infetah fit-18 ta' Dicembru, 2003, ma jirrizultax li l-azzjoni hija preskritta.**

**14. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-ammont mitlub ghandu fil-fatt jithallas lis-socjeta` attrici,**

**stante li l-linja kienet dejjem wahda kummercjali u l-konvenut uza ghal tali skop.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm71.50), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------